MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Numru 489/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Maria Dolores Grixti**

**Analyn Cremona**

**Elaine Mifsud**

**Seduta tal-lum 18 ta' Gunju, 2003.**

Meta ssejhet il-kawza dehru l-imputati Analyn Cremona u Elaine Mifsud assistiti minn Dr. Angelo Farrugia
Dehret ukoll l-imputata Maria Dolores Grixti assistita minn Dr. Joseph Giglio.

Ghall-prosekuzzjoni deher l-Ispettur Paul Camilleri li qara l-akkuza bil-gurament.

Sar l-ezami ta' l-imputati.

Il-prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputati rritornaw ir-resfurtiva kollha u ddepozitawha ghand l-istess Spettur, oltre illi rritornaw l-flus kollha akwistati indebitament.

Il-prosekuzzjoni ghamlet is-sottomissjonijiet taghha.

L-imputati jawtorizzaw lill-Ispettur Paul Camilleri biex jikkonsenja r-resfurtiva lis-sidien taghhom.

Kawza differita ghas-sentenza ghat-**Tnejn, tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju, 2003, fid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.).**

.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------